MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 42/2013

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Canon Kabushiki Kaisha u Sony Corporation**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u P.L. Jean Pierre Busuttil gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju SARL ESSAKHAA IMP. EXP.**

**u**

**Banque Nationale D'Algerie ghal kull interess li jista' jkollu**

**b'digriet tat-18 ta' Marzu 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-18 ta' Jannar, 2013 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjetajiet esteri Canon Kabushiki Kaisha u Sony Corporation sabiex

jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

2. Illi s-socjeta rikorrenti Canon Kabushiki Kaisha hija l-proprjetarja tad-dritt registrat bhala Community Trademarks u Community Designs mal-Office for Harmonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropea: (a) community trademark 'CANON', bin-numru ta' registrazzjoni 3461721 (Dok. PF1).

3. Illi s-socjeta rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-dritt registrat bhala Community Trademarks u Community Designs, mal-Office for Harmonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropea: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat fis-sbatax (17) ta' Awissu 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 005416243 (Dok. PF2).

4. Illi fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) ir-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru GESU 2689676 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur MAERSK ESSEX liema container kien fih circa: (a) 4,000 camera pockets kollha bil-marka 'CANON' u (b) 4,000 camera pockets kollha bil-marka 'SONY', (Dok. PF3); u li prima facie dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravvjenu drittijiet ta' proprjeta intelletwali.

5. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li l-merkanzija msemmija u mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward tal-camera pockets 'CANON', fihom il-kelma 'CANON' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Canon Kabushiki Kaisha, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Canon Kabushiki Kaisha; u fir-rigward tal-camera pockets 'SONY' fihom il-kelma 'SONY' u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Sony Corporation; u r-rapport ta' Canon Kabushiki Kaisha huwa

mmarkat u anness bhala Dok. PF4 u r-rapport ta’ Sony Corporation huwa mmarkat u anness bhala Dok. PF5.

6. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din it-talba li tinzamm din il-merkanzija u l-ippakkeggjar tal-istess.

7. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa To the order of Banque Nationale d’Algerie u n-notify party huwa SARL ESSAKHAA IMP. EXP. ta’ Cite Bourefref 400 Lots, El Eulma, Algeria u dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru ZSN0148600 (Dok. PF6).

8. Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’ l-artikolu 10(2)(b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 14-19 tal-istess Kap. 416 u l-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap. 414.

9. Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw il-jeddijiet taghhom.

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’camera pockets li fuqhom hemm l-kelma ‘CANON’ u ‘SONY’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru GESU 2689676 kontenenti l-imsemmija merkanzija, huma kontrafatti u jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali tas-socjeta rikorrenti Canon Kabushiki Kaisha, fir-rigward tat-trademark taghha: il-

kelma Sony Corporation, fir-rigward tat-trademark taghha: il-kelma ‘CANON’, bin-numru ta’ registrazzjoni 3461721 (Dok. PF1) u tas-socjeta rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-trademark taghha: il-kelma ‘SONY’, liema dritt gie registrat fis-sbatax (17) ta’ Awwissu 2007 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 005416243 (Dok. PF2), u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali camera pockets ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi l-imsemmija merkanzija, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija merkanzija ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-tallying u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess merkanzija.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Marzu 2013 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-10 ta’ April, 2013 fejn ecceppew:
Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntattjaw lill-konvenuti pero sa llum dawn it-tentattivi rrizultaw fin-negattiv.

Ghaldaqstant f’kaz li jirrnexielhom jaghmlu kuntatt jirriservaw li, bl-awtorizazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f’stadju ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d’ostakolo;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta lis-socjetajiet attrici hija proprjetarji ta’ diversi markji fost ohrajn tal-markji CANON u SONY liema markji huma registrati fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji bin-numri 3461721 u CTM 005416243.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’*container* Numru GESU 2689676 li kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur MAERSK ESSEX li kien diehel Malta fit-13 ta’ Dicembru 2013 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja li tikkonsisti f’erbat elef u hames mitt (4,500) camera pockets kollha bil-marka ‘CANON’ u erbat elef u hames mitt (4,500) camera pockets kollha bil-marka ‘SONY’, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapporti datati 10 ta’ Jannar 2013 (Dok. PF4 fol. 17) maghmul minn Lorraine Fisher u tas-17 ta’ Jannar 2013 (Dok. PF5 fol. 26) maghmul minn Yoshinobu Arisumi, imqabbda mis-socjetajiet rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjetajiet attrici inizjaw dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. B fol. 89) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapporti ta’ Lorraine Fisher u ta’ Yoshinobu Arisumi li

kkonfermaw li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta’ George Agius datat 5 ta’ April 2013. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-erbat elef u hames mitt (4,500) camera pockets kollha bil-marka ‘CANON’ u erbat elef u hames mitt (4,500) camera pockets kollha bil-marka ‘SONY’ in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ erbat elef u hames mitt (4,500) camera pockets kollha bil-marka ‘CANON’ u erbat elef u hames mitt (4,500) camera pockets kollha bil-marka ‘SONY’ b’container numru GESU 2689676 da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjetajiet rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjetajiet rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda

kumpens lil, u a spejjez tal-intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lil-intimati jhallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni, tat-*tallying* u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 90;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------